9 Leġiżlatura

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar numru 11, miżmuma nhar it-Tnejn 13 ta' Jannar, 2020 fis-6.30pm ta' fil-għaxija, ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.**

Il-Laqgħa bdiet fis-sitta u nofs ta' filgħaxija.

---

Membri Preżenti:

- Alfred Grima — Sindku
- Daryl Connor — Viċi Sindku
- Graziella Galea — Kunsillier
- Carlos Zarb — Kunsillier
- Mario Joseph Salerno — Kunsillier
- Anthony Delia — Kunsillier
- Paul Bugeja — Kunsillier
- Stephen Cremona — Kunsillier
- Anthony Angelo Attard — Kunsillier
- Christopher Vella Petroni — Kunsillier
- Antoinette Bezzina — Kunsillier

Skużati

- Alfred Bray — Kunsillier
- Anne Fenech — Kunsillier

Segretarju Eżekuttiv – Mariella Strout

**11.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**
Il-Kunsilliera **Alfred Bray** u **Anne Fenech** infurmaw li jinsabu ma jifiħux u għalhekk skużaw irwiehom għan-nuqqas ta' attendenza

**11.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numru (10)**
Pg 1 Il- Kunsilliera Anne Marie Fenech għanda titnizel bħala skużata
Pagna 3 item 10.4 – Wara l-kelma '***irriżenja***' jiżdiedu l-kliem ***'Bord ta' l-Evalvazzjoni ta' offerti'*****.**
Pagna 6 item 10.2 tizdied il-kelma '***transport'***

Pagna 4 item 10.11 (4 sentenza) **–** Titneħħa l-kelma '***dawn***' u minflok jiżdiedu l-kliem '*is-* ***Salini u latrini pubbliċi li hemm fl-akkwati***'.

Pagna 4 Item 10.11 Titneħħa l-kelma dawn **'minflok**'jiġu ' **is- Salini u l-latrini pubbliċi'**ta' l-akwata

**11.3 Punti mill-minuti**
**10.3.** Il-meter ta' Burmarrad ingħalaq. Il-kont intbagħat pero' s'issa għadna ma rċievejna xejn.
**Rapprezentanza tal-Kunsill fill Kunsill tal-iskola** -Rigward il-ħatra ta' President għadna bla risposta – Minħabba li hemm headmaster ġdid u l-iskola għada ma nfethitx, il-Kunsill ta' l-iskola għadu on hold. Il-Kunsill ser jistenna li ssir laqgħa within 15 days imbqija il-Kunsill lest li jagħżel persuna ohra tal-għażla tiegħu.
**Rigward ix-xogħol tas-Sirens** il-container tmexxa minn fejn kien.
**SPB T/01/2019 It-tender ta' Street sweeping** kollox ġie ppublikat u jagħlaq fis-17 ta' Jannar,2020.

**10.9:** Rigward Triq il-Merluzz intbagħtu l-emails u tabelli tneħħew mill- parti t'isfel tat-triq.

**10.6.1:** Ġie miftiehem li trid tiġi ċċekjata xi tgħid il-liġi dwar iż-żmien li jrid jiġi diskuss Il-budget tal-Kunsill.

**10.7 u 10.8:** Bye Laws ser jintalab parir mingħand l-avukat tal-Kunsill sabiex issir draft

**10.10:** Sar qbil li jiltaqa' il-bord tal-One Way

**10.11:** Rigward ix-xogħol ta' tisbieħ tal-Menqa ser jiġu pprezentati l-pjanti tas-sit

**11.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**
Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand:

**Riserva Simar**
Il-Perit Raymond Farrugia (MTIP-MSWU) dwar rikjesta li saret lid-Dipartiment li hu responsabbli minnhu biex jitnaddaf il-culvert li jagħati mir-Riserva tas-Simar għall-Bajja tax-Xemxija. Biex dan isir, il-kunsill jeħtieġ li jħallas għall-overtime tal-ħaddiema tagħhom.
Il-Kunsill fakkar li s-Simar ma taqax taħt ir-responsabilita' ta' Infrastructure Malta,

**Assigurazjoni**
AKL biex ifakkru dwar il-ħtieġa li tiġġedded l-assigurazzjoni tas-saħħa għall-impjegati u l-membri tal-kunsill inkluż dawk il-ħaddiema li qedin fuq xi skema.
Il-kunsill approva.

**Komunita Serba**
Is-Sur Slobodan Rangelov f'isem il-Komunita Serba biex jingħataw permess biex grupp ta' bejn 80 u 100 ruħ juzaw qrib il-Menqa għal siegħa biex jagħmlu għawma biex jiċċelebraw il-festa ta' l-Epifanija.L-ebda daqq ma huwa sejjer ikun hemm.
Il-kunsill ma sabx oġġezzjoni bil-kundizzjonijiet stabbiliti.

**LC CARE Grant Scheme**
Ms Dowling re-LC CARE Grant Scheme fejn ġejna furmati li l-applikazzjoni tal-kunsill ma intlaqatx minħabba li ma ngħatatx indikazzjoni ċara tal-kapaċita għall-implimentazzjoni tal-proġett mill-kunsill u għalhekk l-applikazzjoni ġiet meqjusa nvalida. Is-Sindku ppropona, li din l-item tiġi diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss bħala suġġett separat fid-dawl li l-kunsilliera resposabbli minn din l-applikazzjoni Kunsilliera Anne Marie Fenech hi ndisposta għall-laqgħa ta' ilum. Il-Kunsill approva.

**NGO Green House**, fejn dawn stiednu lill-Kunsill biex għin jinstabu ħitan jew bini mhux użat li jkun pożizzjonat f'inħawi traffikużi li jkun jista jintuża minn voluntiera biex permezz tat-tpinġija jitwassal għarfin dwar il-Friefet il-lejl, in-Naħal u l-Orkidej Selvaġġi. L-ebda spejjes għall-Kunsill ma jissemmew.

Il-Kunsill qabel li jipparteċipa.

**Earth Hour**

Il-Kunsill irċieva korrispondenza rigward il-parteċipazzjoni tal-kunsill fl-avveniment li 60 + Earth Hour. Dan se jinżamm nhar t-28 ta' Mejju 2020.

Il-Kunsill qabel li jipparteċipa.

**11.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Saru tweġibiet lil Kunsillier Anthony Delia – It-Tweġibiet huma m'hemmuza ma dawn il - Minuti.

**11.6 Rapporti / jew Approvazzjonijiet ta' Rapporti**

**11.6.1 Rapport** –*Evalwazzjoni – Contracts Manager*

Il-Kunsill ġie nfurmat li saret l-evalwazzjoni tat-tender "Contracts Manager SPB T/06/2019 fejn intqal li ntefaw 3 offerti u li skond il-Bord ta' l-għażla l-ebda offerta ma toffri dak kollu li hu rikjest fit-tender. Inġibdet l-attenzjoni li l-aġġudikaturi mhumiex skond dak li infurmat il-Kunsill.

**11.7 Item: GalMajjistral – Rapprezentanza**

Il-Kunsill ġie infurmat li n-nomina tiegħu għal-co-option fuq il-Bord tal-Gal Majjistral ma ġietx approvata. Ġie nnutat, li għalkemm il-Kunsill ta' San Pawl il-Baħar huwa l-akbar kontributur finanzjarju f'din Fondazzjoni qatt ma kellu rappreżentanza fuq il-Bord. Il-Kunsilliera Graziella Galea kienet infurmat lill-Kunsill li kienet ġie innominata.

**11.8 Item: Kaz Deciz kontra – Il-Kunsill / Dimbros Ltd vs Insurance Argus Insurance Agency**

Il-laqgħa tal-Kunsill ġiet irtirata għal ftit ħin sabiex issir spjegazjoni mill l-avukat tal- Kunsill dwar iz-zewġ kazijiet.

Kaz deċiz kontra – Il-Kunsill / Dimbros Ltd vs Argus Insurance Agency

**Small Claims 333/2006** Il-Kunsill ġie kkundannat iħallas danni ta' €1,496.65 lill-Argus Insurance Agency kaz marbut ma aċċident tat-traffiku li seħħ fis-sena 2014.

**11.9 Item*:* Pendenzi ta' każijiet bejn il-Kunsill u Dimbros Ltd**

Il-Kunsill għandu każ pendent il-qorti. Fil-passat kien hemm nuqqas ta' qbil bejn il Kunsill u kumpanija Dimbros dwar ix-xogħol extra tal-patching works. Il-Kunsill qabel sabiex tinbagħat ittra lil Perit responsabli ħalli jiverifika li dan extra patching works sar.

Hemm qbil li tintbaghat ittra lil kumpanija Dimbros Ltd fejn jiġu infurmati li qed tigi diskussa u tingħata risposta fi zmien qasir. Il-Kunsill ġie infurmat li l-każ kontra d-Dimbros ma' l-albitraċċ intrebaħ.

19:30 Il-Kunsillier Stephen Cremona jidħol għall-laqgħa

**11.10 Item: Traffic Mirrors – Obligu Legali**
Laqgħa li saret bejn s-Sindku u TM gie diskuss l-obligu legali tat-traffic mirrors f'każ ta' aċċident. Il-Kunsill qabel li titfassal Policy.

**11.11 Item: Latrini Publici – Turn Key embellishment**
Ġie diskuss li jsir manutenzjoni temporanju fuq latrini publici waħda waħda.
Hemm qbil li jinħareġ tender turn key għall-latrini pubbliċi.

**11.12 (a) Item: Performance Bonus 2019 – Segretarju Ezekuttiv**
**(b) Item: Performance Bonus 2019 – Staff Aministrattiv tal-Ufficcju tal-Kunsill**
Il-laqgħa ġiet irtirata għal ftit ħin sabiex jiġi diskuss il-Performance Bonus tas-Segretarju Ezekuttiv u tal-Staff Aministrattiv tal-Uffiċċju tal-Kunsill. Għal waqt din id-dikussjoni is-Segretarju Ezekuttiv u membru tal-istaff ħarġu barra mil-laqgħa.
Il- Kunsill qabel li jingħataw il-persentaġġ massimu lil kullħadd.

**11.13 Item: Filming – Finnish TV Series (fiction) ġewwa San Pawl il-Bahar f' Frar 2020**
Ircieva inkjesta sabiex jsir filming fi Triq Sant Antnin. Hemm qbil li jingħata il-permess pero' tintalab donazzjoni.

**11.14 Item: Data Laqgha Annwali 2020**
Ġie propost li laqgħa Annwali issir nhar it-Tlieta 14/04/2020 5.30pm

**11.15 Item: Hargiet tal-anzjani – Marzu, April u Mejju, 2020**
**Marzu** – Vista lix-xbieha tal-Madonna fil-Kunvent San Duminku ir-Rabat
Villa Rumana u wara l-ikla ta' nofs inhar għand tal-Fanal Restaurant.
**April** – Quddiesa San Gorg ir-Rabat
It-Tempji tal-Ġgantija
L-ikla ta' nofs inhar Seashells Restaurant
**Mejju** – Quddiesa il-Balluta
Captain Morgan
The Point

**11.16 Item: Sejħa għal Kwotazzjoni – Servizz ta' Clamping u Towing**

Ħarġet il-kwotazzjoni – Il- Kunsill irċeva kwotazzjoni waħda izda din il-kwotazzjoni kienet tikonċerna towing biss. Il-kumpanija ma kelliex post fejn izomm il- karozzi.

**11.17 Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta' Oggetti jew Servizzi**

Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni fuq lis- iskeda tal-pagamenti għaddiet, ħlief pagament 65 - €500 fuq is-shutter.

L-invoice ta' Frankie Mifsud se tiġi ċċekjata li mhux imdaħħla darbtejn.

**11.18 Aggornament ghall-laqgha li jmiss**

Laqgħa li jmiss ser ssir nhar t-Tlieta 18 ta' Frar fis-6.00pm

__________________
Alfred Grima
Sindku

__________________
Mariella Strout
Segretarju Ezekuttiv